# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru 49**

**Avviz numru 902/00/SM**

**Joseph Falzon f'ismu proprio u f'isem id-ditta Joseph Falzon & Sons.**

**vs**

**Stephen Vella u Adriana Vella.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat iz-17 ta' Lulju tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur proprio et nomine sejjah lill-konvenuti fuq indikati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:**

**1. Ihallsu solidalment bejniethom lill-attur proprio et nomine s-somma ta' LM286.50,0, rapprezentanti l-import ta' tlett kambjali tal-valur ta' LM95.50,0 l-wahda, li skadew rispettivament fit-30 t'April, 2000, fit-30 ta' Mejju, 2000 u fit-30 ta' Gunju 2000;**

**2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekoribbli mid-dati tar-rispettivi skadenzi sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-26 t'Ottubru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut Stephen Vella eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi s-somma imsemmija fl-avviz ma hijiex dovuta mill-esponent statne illi, permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 23 ta' April 2000, klawsola 11 sub-klawsola XIII (c), is-somma ndikata fl-avviz kellhom jithallsu unikament mill-konvenuta Adriana Vella;**

**2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuta Adriana Vella ghandha tigi ordnata thallas l-import tal-kambjali imsemmija fl-avviz, u dana ghall-ekonomija tal-gudizzju;**

**3. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-8 ta' Novembru tas-sena 2000, li permezz taghha l-konvenuta Adriana Vella eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi giet konkluza separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti Vella permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dr. Marco Burlo datat 23 ta' April, 1998, u fl-imsemmi kuntratt gie miftiehem u stipulat li l-vettura in kwistjoni u cioe' Suzuki Vitara bin-numru ta' registrazzjoni DAT 025 kellha tigi assenjata u trasferita f'isem il-konvenuta Adriana Vella u dan ai termini tal-artikolu 11 (IX) tal-istess kuntratt;**

**2. Illi ghalkemm l-attur u l-konvenut Stephen Vella kienu interpellati diversi drabi sabiex jersqu ghat-trasferiment tal-istess vettura, kemm l-attur kif ukoll il-konvenut Vella naqsu u addirittura opponew li jsir it-trasferiment tal-vettura f'isem il-konvenuta Adriana Vella, u dan kif ser jirrzulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza;**

**3. Illi ghalhekk it-talba attrici fil-konfront tal-konvenuta Adriana Vella ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-konvenut Stephen Vella, ladarba l-vettura ghadha intestata f'isem l-istess konvenut;**

**4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali ta' l-attur proprio et nomine u tal-konvenuta;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-attur proprio et nomine kien biegh vettura tal-marka Vitara bin-numru ta' registrazzjoni U-0007, (illum DAT-025), lill-konvenuti ghall-prezz ta' sitt elef u tmin mitt Lira Maltin, (LM6,800.00,0), permezz ta' kuntratt datat it-30 ta' Jannar ta' l-1996;**

**2. Illi l-konvenuti hallsu l-ammont ta' tmin mitt Lira Maltin, (LM800.00,0) mal-kuntratt u obbligaw ruhhom li jhallsu d-differenza permezz ta' kambjali mensili ta' hamsa u disghin Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM95.50,0);**

**3. Illi minn dawn il-kambjali minnhom liberament iffirmati ghad fadal jithallsu tlieta biss, komplessivament ammontanti ghall-mitejn u**

**sitta u tmenin Lira Maltin u hamsin centezmu, (L286.50,0);**

4. **Illi ghalkemm ingunti biex ihallsu l-ammont dovut, il-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-procedura;**

5. **Illi l-konvenuti ma resqu l-ebda difiza legalment accettabbli in sostenn tal-posizzjoni li hadu li ma jhallsux l-ammont minnhom dovut;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement tordna lill-konvenuti Stephen Vella u Adriana Vella jhallsu solidalment lill-attur Joseph Falzon proprio et nomine l-ammont dovut ta' mitejn u sitta u tmenin Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM286.50,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**